# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

Pulizija

(Spettur Diane Vella )

Vs

Joseph-Renald Dalli

Illum 20 ta' Jannar, 2025

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijet fil-konfront ta' Joseph-Renald Dalli iben Joseph u Susan Dalli nee Camilleri imwieled 13/03/1990 u joqghod 10, Binja Vilhena, Pjazza Sir Luigi Preziosi, Floriana ID 0150490M.

Billi int akkuzat talli fil-29/01/2023 ghall-habta ta' 14.15 hrs Tul San Anard Tarxien, soqt vettura b'numru ta' registrazzjoni FBR173

1. Soqt vettura tal-ghamla Toyota FBR 173 b'manjiera bla kont Art. 15(1)(A) Kap. 65.

2. Soqt vettura tal-ghamla Toyota FBR 173 b'manjiera traskurata Art. 15(1)(A) Kap. 65.
3. Soqt vettura tal-ghamla Toyota FBR 173 b'manjiera perikoluza Art. 15(1)(A) Kap. 65.
4. U altar talli b'nuqqas ta' hsieb u bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghek jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti. Ikkagunajt hruq jew ghamilt xi hsara jew gharraqt xi haga ghad-dannu ta' Infrastructure Malta Art. 328.(d) Kap. 9.
5. Soqt jew ippruvajt issuq jew kellek kontroll tal-imsemmija vettura fi Triq jew f'post pubbliku meta ma kontx f'kundizzjoni li ssuq minhabba xorb jew drogi, Kap. 9 Art. 15A.
6. U aktar talli soqt jew ippruvajt issuq jew kellek kontroll tal-vettura fit-triq jew f'post pubbliku wara li kkunsmajt tant alcohol li l-proporzjon tieghek fin-nifs, fid-demm jew fl-urina kien izjed mill-limitu prekritt (042.9µg/100ml). Art. 15B Kap. 65.

Il-Prosekuzzjoni titlob li tigi skwalifikat/a mill-licenzji kollha tieghek tas-sewqan.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li f'kaz ta' htija minhabba li tinfliggi il-piena skond il-ligi, tnaqqas il-punti mill-licenzja tas-sewqan hekk kif stabilit mill-L.S. 65.18 Art. 36B u fil-L.S. 65.18 Sitt Skeda.

Rat l-artikoli 15(1)(a) 15(2) 15(A)(1)(2)15B Kap 65, 328(d) Kap 9 L.S. 65.18 Art 36B fil-L.S. 65.18 Sitt Skeda tal-Ligijiet ta' Malta

Rat ix-xhieda kollha prodotta mill-Prosekuzzjoni.

L-imputat ghazel li ma jixhidx.

Rat l-atti kollha u x-xhieda u dokumentazzjoni kollha prodotta..

Semghet it-trattazjoni

tal-Ligijiet ta' Malta

Rat ix-xhieda kollha prodotta mill-Prosekuzzjoni

L-imputat ghazel li ma jixhidx

Rat l-atti kollha u x-xhieda u dokumentazzjoni kollha prodotta.

Semghet it-trattazjoni.

**Ikkunsidrat**

**PS 995 C Mangion** xehed permezz ta' affidavit

Rat l-istqarrija tal-imputat dwar l-incident wara li inghata t-twissijiet skond il-ligi

Rat x-xhieda ta' **Clayton Busutti** rigwardanti d-dinamika tal-incident

**Ikkunsidrat**

Li ma ingabhux provi rigwaranti r-raba'(4) imputazzjoni u tilliberah mill-istess

Il- mod perikoluz ta' kif saq l-imputat li ma kellhux kontrol fuq is-sewqan tieghu tant- li ma zammx "proper lookout" kif suppost u sehh l-incident *de quo* . Jirrizulta ukoll li ma kienx f'kundozzjoni li jsuq minhabba xorb u ikkonsma kellu livell ta'alkolhol (042.9pg/100). Jirrizultaw bhekk ippruvati l-ewwel (1), it-tieni (2) , t-tielet(3) , il-hames (5) u s-sitt (6) imputazzjoni issib lill-imputat hati ta' kollha bl-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet assorbiti fit-tielet imputazzjoni.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi wara li rat l-artikoli 15(1)(a)15(2) 15(A)(1)(2)15(B)15B Kap 65, 328(d) Kap 9 L.S. 65.18 Art 36B fil-L.S. 65.18 Sitt Skeda tal-Ligijiet ta' Malta ma issibx lil Joseph-Renald Dalli hati tar-raba' akkuza u tilliberah minn kull htija u piena dwar l-istess u issibu hati tal-ewwel, it-tieni u t-tielet u l-hames u sitt akkuzi u tikkundannah komplessivament ghal disa' (9) xhur sospensjoni tal-

licenzja u multa ta’ elfejn euro(2000) u ghaxar(10) punti fuq il-licenzji tas-sewqan

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**
**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**
**Deputat Registratur**